IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.6.2021
COM(2021) 303 final

2018/0152 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (KE) Nru 810/2009, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1860, (UE) 2018/1861, (UE) 2019/817 u (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, għall-iskop tar-riforma tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, u Regolament li jemenda r-Regolamenti (UE) 603/2013, 2016/794, 2018/1862, 2019/816 u 2019/818 fir-rigward tal-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-aċċess ta' sistemi oħra ta' informazzjoni tal-UE għal skopijiet ta' VIS

2018/0152 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (KE) Nru 810/2009, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1860, (UE) 2018/1861, (UE) 2019/817 u (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, għall-iskop tar-riforma tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, u Regolament li jemenda r-Regolamenti (UE) 603/2013, 2016/794, 2018/1862, 2019/816 u 2019/818 fir-rigward tal-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-aċċess ta' sistemi oħra ta' informazzjoni tal-UE għal skopijiet ta' VIS

1. SFOND

Data tat-trażmissjoni tal-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (dokument COM(2018)302 final – 2018/0152 COD):	is-16 ta' Mejju 2018.
Data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:	id-19 ta' Settembru 2018.
Data tal-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*:	it-12 ta' Diċembru 2018.
Data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, fl-ewwel qari:	it-13 ta' Marzu 2019.
Data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill:	is-27 ta' Mejju 2021.

2. OBJETTIV TAL-PROPOSTA MILL-KUMMISSJONI

L-objettivi speċifiċi ta' din il-proposta huma li:

(1) tiġi ffaċilitata l-proċedura tal-applikazzjoni għal viża;

(2) jiġu ffaċilitati u msaħħa l-kontrolli mal-postijiet tal-qsim tal-fruntieri esterni u fit-territorju tal-Istati Membri;

(3) tiġi mtejba s-sigurtà interna taż-żona ta' Schengen billi jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni fost l-Istati Membri dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza.

Iridu jintlaħqu wkoll għadd ta' objettivi anċillari, jiġifieri li:

(4) jiġu ffaċilitati l-verifiki tal-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, fit-territorju ta' Stat Membru, mill-awtoritajiet tal-migrazzjoni u tal-infurzar tal-liġi;

(5) ssir aktar faċli li jiġu identifikati persuni neqsin;

(6) tingħata assistenza fil-proċess tal-identifikazzjoni u r-ritorn ta' kwalunkwe persuna li jista' jkun ma tissodisfax, jew ma tibqax tissodisfa aktar, il-kundizzjonijiet biex tidħol, toqgħod jew tgħix fl-Istati Membri;

(7) tingħata għajnuna lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jaċċessaw *data* ta' applikanti għal u detenturi ta' viżi għal soġġorn qasir (li diġà huwa possibbli taħt ir-regoli kurrenti), u biex dan l-aċċess jiġi estiż għal persuni li għandhom viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza, fejn meħtieġ għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, il-kxif jew il-prosekuzzjoni ta' kriminalità serja u terroriżmu, filwaqt li jiġu żgurati standards għoljin tal-protezzjoni u l-privatezza tad-*data*;

(8) tinġabar statistika b'appoġġ għal tfassil ta' politika tal-migrazzjoni tal-Unjoni Ewropea bbażata fuq l-evidenza.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni tal-Kunsill kif adottata fl-ewwel qari tirrifletti bis-sħiħ il-ftehim milħuq fin-negozjati tat-trilogu bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, kif konkluż fis-16 ta' Diċembru 2020.

Il-ftehim jippreserva l-elementi sostanzjali u dawk ġodda proposti mill-Kummissjoni, li wħud minnhom huma soġġetti għal ċerti modifiki, kif deskritt hawn taħt.

Fir-rigward tal-mistoqsijiet awtomatizzati f'sistemi ta' informazzjoni oħra, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fil-biċċa l-kbira qablu mal-lista ta' bażijiet tad-*data* li għandhom jiġu mistoqsija mis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) kif propost mill-Kummissjoni[1], għalkemm b'kundizzjonijiet u salvagwardji addizzjonali marbuta ma' wħud minnhom. Dispożizzjonijiet aktar dettaljati ġew stabbiliti dwar il-verifika manwali u s-segwitu tal-hits, li se jiġu attribwiti lil awtoritajiet differenti, skont is-sors u s-sensittività tad-*data* li skattat il-hit. Att delegat se jiddefinixxi r-regoli dettaljati għall-mistoqsijiet u l-verifiki. Numru ta' "emendi konsegwenzjali" jġibu l-istrumenti legali tas-sistemi ta' informazzjoni mistoqsija f'allinjament sħiħ mad-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar il-mistoqsijiet awtomatizzati.

Viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza se jiġu rreġistrati fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża u soġġetti għal mistoqsijiet awtomatizzati f'sistemi ta' informazzjoni oħrajn diġà fil-mument tal-applikazzjoni, mhux biss wara li jkunu nħarġu. Id-drittijiet ta' aċċess ta' ċerti awtoritajiet għad-*data* ta' persuni li kellhom permessi ta' residenza għal aktar minn 10 snin se jkunu limitati.

Fir-rigward tal-bijometrija, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu dwar it-tnaqqis propost tal-età għat-teħid tal-marki tas-swaba' għall-minorenni minn 12-il sena għal 6 snin, iżda introduċew ukoll limitu ta' età ogħla għat-teħid tal-marki tas-swaba' ta' 75 sena. Fl-istess ħin se jiġu introdotti għadd ta' salvagwardji u limitazzjonijiet ta' aċċess għall-bijometriċi tat-tfal. L-immaġnijiet tal-wiċċ meħuda live se jinħażnu fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża u jintużaw għal tqabbil bijometriku, inkluż biex tiġi vverifikata l-identità ta' persuni jew biex jiġu identifikati billi jsir tiftix f'dawk l-immaġnijiet fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet u salvagwardji stretti.

Indikaturi tar-riskju speċifiċi se jiġu integrati bħala mekkaniżmu awtomatizzat fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża li permezz tiegħu jiġu skrinjati l-applikazzjonijiet kollha għal viża

[1] Is-sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), inkluż il-lista ta' sorveljanza tal-ETIAS, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), il-Eurodac, is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali — Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi (ECRIS-TCN), id-*data* tal-Europol u l-bażijiet ta' *data* tal-Interpol dwar Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqin u Mitlufin (SLTD) u Dokumenti tal-Ivvjaġġar Assoċjati ma' Avviżi (TDAWN).

għal soġġorn qasir. Il-proċeduri u l-istruttura ta' governanza għal dawn l-indikaturi ta' riskju speċifiċi huma allinjati ma' dawk għar-regoli tal-iskrinjar tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)[2].

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill aċċettaw id-dispożizzjonijiet dwar il-portal tat-trasportaturi għal kontrolli ta' viżi u permessi ta' residenza fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża. It-trasportaturi se jkunu meħtieġa jinfurmaw lill-passiġġieri li ma jitħallewx jitilgħu abbord dwar kif jitolbu aċċess għad-*data* tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża. Deroga minn dawk id-dispożizzjonijiet se tapplika għal trasportaturi li jittrasportaw gruppi fuq l-art bil-kowċ, għall-ewwel 18-il xahar wara l-bidu tal-applikazzjoni.

Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni li Tistabbilixxi s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża[3] ġew inkorporati fir-Regolament dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża. Id-dispożizzjonijiet eżistenti dwar il-protezzjoni tad-*data* ġew allinjati ma' strumenti legali reċenti simili u mal-qafas ġuridiku ġenerali dwar il-protezzjoni tad-*data*.

Il-ftehim jinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar l-applikazzjoni tar-regolament emendat sa tmiem l-2023 u dwar monitoraġġ u rappurtar imsaħħa fil-fażi tal-iżvilupp.

Il-Kummissjoni appoġġat il-ftehim milħuq fin-negozjati tat-trilogu. Is-sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża aġġornata, flimkien mas-Sistema ta' Dħul u Ħruġ u l-ETIAS, se tipprovdi l-bażi għal ġestjoni aħjar tal-fruntieri esterni tal-UE u se ssaħħaħ l-interoperabbiltà tas-sistemi Ewropej kollha għall-fruntieri, il-migrazzjoni, is-sigurtà u l-ġustizzja. Il-ftehim għalhekk jagħti kontribut importanti għall-għan li s-sistemi ta' informazzjoni ġodda u aġġornati kollha jkunu operattivi u kompletament interoperabbli sa tmiem l-2023.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni taċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill.

[2] L-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2018/1240.

[3] Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/512/KE.